**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 163/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Walter Spiteri)**

**Vs**

**JOSEPH GALEA**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Joseph Galea tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w akkuzat talli (**1**) fit-8 ta'Mejju, 1998, fis-6.45 p.m., fil-Fontana Kjosk, City Gate, Valletta, bhala persuna registrata mad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, skond l-Att tal-1997 Dwar Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att Nru. X11 tal-1997), u regolamenti bis-sahha ta' l-istess Att, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa permess ta' cash register li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fir-Regolament 10 ta' l-Avviz Legali 87 tal-1997 fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tar-Regolamenti 2, 3, 4 u 10 tar-Regolamenti tal-1997 Dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Ricevuti Fiskali) (Avviz Legali 87 tal-1997), u l-Artikoli 39 u 62 (a) u (e), u 66 (2) ta' l-Att Nru. X11 tal-1997, u (**2**) talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew li jipproduci ricevuta ta'taxxa f'ghamla li tigi provduta mid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tar-Regolamenti 2, 3, u 4 tar-Regolamenti tal-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Ricevuti Fiskali) (Avviz Legali 87 tal-1997), u l-Artikoli 39 u 62 (a) u (e), u 66 ta' l-Att Nru. X11 tal-1997

Rat is-sentenza moghtija mill-fuq imsemmija Qorti datata 22 ta'Gunju, 2000, li biha sabet lill-Joseph Galea mhux hati ta' l-ewwel akkuza, stante li din kienet alternattiva ghat-tieni akkuza, filwaqt li sabitu hati tat-tieni akkuza w kkundannatu fuqha ghall-Multa ta'tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), u, inoltre, ordnat li kull licenzja, permess, warrant jew awtorizzazzjoni ohra mahruga mill-Pulizija jew minn xi awtorita' ohra favur tieghu sabiex imexxi n-negozju li dwara jirrelata ir-reat misjub hati tieghu tigi sospiza ghal zmien gimgha mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t' appell ta'Joseph Galea datat 30 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati w tirrevokaha ghal kumplament, u b'hekk tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa nfondat ghall-ahhar stante li l-fatti esposti mill-prosekuzzjoni, u kif jirrizultaw lil din il-Qorti, jinkwadraw ruhom perfettament fir-reat addebitat lill-appellant u li tieghu sabitu hati l-ewwel Qorti. Il-provi li gabet il-prosekuzzjoni kienu tali li l-ewwel Qorti, in bazi ta' l-apprezzament taghhom li kienet ghamlet, indubjament setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, li maghha din il-Qorti taqbel pjenament.

Ma hemm assolutament xejn x'ticcensura f'dak li ddecidiet jew ghamlet l-ewwel Qorti, u, ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellant ma jista' qatt jigi akkolt.

In vista ta' dan, l-appell ta'Joseph Galea qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha. Iz-zmien tas-sospensjoni tal-licenzji ta' l-appellant, ordnat mill-ewwel Qorti, ghandu jibda jiddekorri min ghada s-27 ta'Jannar, 2001.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur